Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►B

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tad-9 ta' Novembru 2007

li tadotta speċifikazzjoni komuni tar-reġistru nazzjonali tal-vetturi previst fl-Artikoli 14(4) u (5) tad-Direttivi 96/48/KE u 2001/16/KE

(notifikata taħt id-dokument numru C(2007) 5357)

(2007/756/KE)

(ĠU L 305, 23.11.2007, p. 30)

Emendata minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►M1	Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/107/UE tal-10 ta' Frar 2011	L 43	33	17.2.2011

▼B

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tad-9 ta' Novembru 2007

li tadotta speċifikazzjoni komuni tar-reġistru nazzjonali tal-vetturi previst fl-Artikoli 14(4) u (5) tad-Direttivi 96/48/KE u 2001/16/KE

(notifikata taħt id-dokument numru C(2007) 5357)

(2007/756/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 96/48/KE tat-23 ta' Lulju 1996 fuq l-interoperabilità tas-sistema ferrovjarja trans-Ewropea ta' veloċità għolja [1], u b'mod partikolari l-Artikoli 14(4) u (5) tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2001/16/KE tad-19 ta' Marzu 2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fuq l-interoperabilità tas-sistema ferrovjarja konvenzjonali trans-Ewropea [2], u b'mod partikolari l-Artikoli 14(4) u (5) tagħha,

Billi:

(1) Meta l-Istati Membri jawtorizzaw it-tqegħid fis-servizz tal-vetturi ferrovjarji, għandhom jiżguraw li jiġi assenjat kodiċi ta' identifikazzjoni lil kull vettura individwali. Dan il-kodiċi mbagħad għandu jiddaħħal f'reġistru nazzjonali tal-vetturi, (minn issa 'l quddiem "NVR"). Dan ir-reġistru għandu jkun aċċessibbli għall-konsultazzjoni minn rappreżentanti awtorizzati mill-awtoritajiet kompetenti u l-partijiet interessati. Ir-reġistri nazzjonali differenti għandhom ikunu konsistenti f'dak li jirrigwarda l-kontenut tad-*data* u l-format tad-*data*. Dan jirrikjedi l-istabbiliment tagħhom abbażi ta' speċifikazzjonijiet operattivi u tekniċi.

(2) L-ispeċifikazzjonijiet komuni għall-NVR għandhom jiġu adottati abbażi ta' l-abbozz ta' speċifikazzjoni imħejji mill-Aġenzija Ferrovjarja Ewropea (minn issa 'l quddiem "l-Aġenzija"). Dan l-abbozz ta' speċifikazzjoni għandu jinkludi, partikolarment id-definizzjoni ta': il-kontenut, l-arkitettura funzjonali u teknika, il-format tad-*data*, il-modi operattivi, inklużi r-regoli għall-introduzzjoni u l-konsultazzjoni tad-*data*.

(3) Din id-Deċiżjoni tħejjiet abbażi tar-rakkomandazzjoni ta' l-Aġenzija Nru ERA/REC/INT/01-2006 tat-28 ta' Lulju 2006.

L-NVR ta' Stat Membru għandu jkun fih il-vetturi kollha awtorizzati f'dak l-Istat Membru. Madankollu, l-vaguni tal-merkanzija u tal-passiġġieri għandhom jiġu rreġistrati biss fl-NVR ta' l-Istat Membru fejn jiddaħħlu fis-servizz għall-ewwel darba.

---

[1] ĠU L 235, 17.9.1996, p. 6. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2007/32/KE tal-Kummissjoni (ĠU L 141, 2.6.2007, p. 63).

[2] ĠU L 110, 20.4.2001, p. 1. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2007/32/KE tal-Kummissjoni.

▼B

(4) Għandha tintuża formola standard għall-iskopijiet tar-reġistrazzjoni tal-vetturi, tal-konfermazzjoni tar-reġistrazzjoni, l-emendar ta' l-oġġett(i) tar-reġistrazzjoni u l-konfermazzjoni tat-tibdil(iet).

(5) Kull Stat Membru għandu jistabbilixxi NVR kompjuterizzat. L-NVRs kollha għandhom ikunu konnessi ma' Reġistru Virtwali tal-Vetturi (minn issa 'l quddiem "VVR") immexxi mill-Aġenzija sabiex jiġi stabbilit ir-reġistru ta' dokument dwar l-interoperabbiltà msemmija fl-Artikolu 19 tar-Regolament (KE) Nru 881/2004. Il-VVR għandu jippermetti lill-utenti jfittxu l-NVRs ([1]) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill kollha minn portal wieħed u jippermetti l-iskambju tad-*data* bejn l-NVRs nazzjonali. Madankollu, għal raġunijiet tekniċi, il-konnessjoni mal-VVR ma tistax tiġi stabbilita immedjatament. Għalhekk l-Istati Membri għandhom ikunu meħtieġa biss joħolqu konnessjoni għall-NVRs tagħhom mal-VVR ċentrali ladarba jkun intwera li l-VVR jaħdem effettivament. Għal dan l-għan, l-Aġenzija se twettaq proġett pilota.

(6) Skond il-punt Nru 8 tal-minuti tal-laqgħa Nru 40 tal-Kumitat Regolatorju stabbilit skond l-Artikolu 21 tad-Direttiva 2001/16/KE, il-vetturi eżistenti kollha għandhom ikunu rreġistrati fl-NVR ta' l-Istat Membru fejn kienu rreġistrati qabel. It-trasferiment tad-*data* għandu jqis perjodu trasitorju adegwat u disponibbiltà tad-*data*.

(7) Skond l-Artikolu 14(4)(b) tad-Direttiva 96/48/KE u l-Artikolu 14(4)(b) tad-Direttiva 2001/16/KE, l-NVR għandu jinżamm u jiġi aġġornat minn korp li huwa indipendenti minn kwalunkwe impriża ferrovjarja. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra dwar il-korp li jkunu nnominaw għal dan il-għan, *inter alia* sabiex jiġi ffaċilitat l-iskambju ta' l-informazzjoni bejn dawn il-korpi.

(8) Ċerti Stati Membri għandhom netwerk estensiv tal-"1 520 mm *gauge*" fejn topera flotta ta' vaguni li hija komuni għall-pajjiżi tal-*Commonwealth* ta' Stati Indipendenti (CIS). Dan irriżulta f'sistema ta' reġistrazzjoni komuni li hija element importanti ta' l-interoperabilità u s-sikurezza ta' dan in-netwerk "1 520 mm". Din il-qagħda speċifika għandha tkun rikonoxxuta u r-regoli speċifiċi stabbiliti biex jiġi evitat in-nuqqas ta' konsistenza fl-obbligi marbuta ma' l-UE u dawk tas-CIS għall-istess vettura.

(9) Ir-regoli stabbiliti fl-Anness P tat-TSI dwar l-operazzjonijiet u l-ġestjoni tat-traffiku huma applikabbli fir-rigward tas-sistema ta' numerazzjoni tal-vetturi għall-iskopijiet ta' reġistrazzjoni fl-NVR. L-Aġenzija se tiżviluppa gwida għall-applikazzjoni armonizzata ta' dawn ir-regoli.

(10) Il-miżuri pprovduti f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit fl-ambitu ta' l-Artikolu 21 tad-Direttiva 96/48/KE,

([1]) ĠU L 164, 30.4.2004, p. 1.

▼B

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-ispeċifikazzjonijiet komuni tar-Reġistru Nazzjonali tal-Vetturi, skond l-Artikolu 14(5) tad-Direttiva 96/48/KE u l-Artikolu 14(5) tad-Direttiva 2001/16/KE, kif stipulati fl-Anness huma b'dan adottati.

Artikolu 2

Meta jkunu qed jiġu rreġistrati vetturi wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni, l-Istati Membri għandhom jużaw l-ispeċifikazzjonijiet komuni stipulati fl-Anness.

Artikolu 3

L-Istati Membri għandhom jirreġistraw vetturi eżistenti kif ipprovdut fis-sezzjoni 4 ta' l-Anness.

Artikolu 4

1. Skond l-Artikolu 14(4)(b) tad-Direttiva 96/48/KE u l-Artikolu 14(4)(b) tad-Direttiva 2001/16/KE, l-Istati Membri għandhom jinnominaw korp nazzjonali li għandu jkun responsabbli għaż-żamma u l-aġġornament tar-Reġistru Nazzjonali tal-Vetturi. Dan il-korp jista' jkun l-Awtorità Nazzjonali għas-Sikurezza ta' l-Istat Membru kkonċernat. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li dawn il-korpi jikkooperaw u jaqsmu l-informazzjoni sabiex jiġi żgurat li t-tibdil tad-*data* jiġi kkomunikat fil-ħin.

2. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni u lilll-Istati Membri, fi żmien sena mid-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni, dwar il-korp innominat skond il-paragrafu 1.

Artikolu 5

1. Vetturi ferrovjarji imqiegħda fis-servizz għall-ewwel darba fl-Estonja, il-Latvja jew il-Litwanja maħsuba għall-użu barra l-Unjoni Ewropea bħala parti mill-flotta ta' vaguni tas-sistema komuni tal-binarji ta' 1 520 mm għandhom jiġu rreġistratati kemm fl-NVR kif ukoll fid-*Database* ta' l-Informazzjoni tal-Kunsill għat-Trasport Ferrovjarju tal-*Commonwealth* ta' Stati Indipendenti. F'dan il-każ, is-sistema ta' numerazzjoni bi tmien ċifri tista' tiġi applikata minflok is-sistema ta' numerazzjoni speċifikata fl-Anness.

2. Vetturi ferrovjarji imdaħħla fis-servizz għall-ewwel darba f'pajjiż terz u maħsuba għall-użu fl-Unjoni Ewropea bħala parti mis-sistema komuni tal-flotta ta' vaguni ta' l-1 520 mm m'għandhomx jiġu rreġistrati fl-NVR. Madankollu f'konformità ma' l-Artikolu 14(4) tad-Direttiva 2001/16/KE, għandu jkun possibbli li tinsab l-informazzjoni elenkata fl-Artikolu 14(5)(c), (d) u (e) mid-*Database* ta' l-Informazzjoni tal-Kunsill CIS għat-Trasport Ferrovjarju.

Artikolu 6

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

▼M1

ANNESS

1. DEJTA

Il-format tad-dejta tar-reġistru nazzjonali tal-vetturi (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "NVR") huwa kif ġej.

In-numerazzjoni tal-punti ssegwi l-loġika tal-formola standard għar-reġistrazzjoni proposta li tinsab fl-Appendiċi 4.

Barra minn hekk, tista' tiżdied kaxxa jew aktar bħal kummenti, identifikazzjoni ta' vetturi li qed jiġu investigati (ara t-Taqsima 3.4), eċċ.

1.	Numru Ewropew tal-Vettura	Obbligatorju
Kontenut	Kodiċi ta' identifikazzjoni numeriku kif iddefinit fl-Anness P għall-Ispeċifikazzjoni Teknika għall-Interoperabilità (TSI) dwar "l-operat u l-ġestjoni tat-traffiku" (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "OPE TSI") ([1])	
Format	1.1. Numru	12-il ċifra
	1.2. Numru preċedenti (jekk applikabbli, għal vetturi nnumerati mill-ġdid)	
2.	Stat Membru u NSA	Obbligatorji
Kontenut	Identifikazzjoni tal-Istat Membru fejn il-vettura ġiet irreġistrata u l-NSA li awtorizzat it-tqegħid fis-servizz tagħha	
Format	2.1. Il-kodiċi numeriku tal-Istat Membru kif iddefinit fl-Anness P għall-OPE TSI	kodiċi b'żewġ (2) ċifri
	2.2. Isem l-NSA	Test
3.	Sena tal-manifattura	Obbligatorja
Kontenut	Is-sena li fiha l-vettura ħarġet mill-fabbrika	
Format	3. Sena tal-manifattura	SSSS
4.	Referenza KE	Obbligatorja (fejn disponibbli)
Kontenut	Referenzi għad-dikjarazzjoni ta' verifika tal-"KE" u l-korp tal-ħruġ (l-applikant)	
Format	4.1. Data tad-dikjarazzjoni	Data
	4.2. Referenza KE	Test
	4.3. Isem il-korp tal-ħruġ (applikant)	Test
	4.4. Numru tar-reġistrazzjoni tal-kumpanija	Test
	4.5. Indirizz tal-organizzazzjoni, triq u numru	Test
	4.6. Belt	Test
	4.7. Kodiċi tal-pajjiż	ISO (ara l-Appendiċi 2)
	4.8. Kodiċi postali	Kodiċi alfa-numeriku

▼**M1**

5.	Referenza għar-Reġistru Ewropew ta' Tipi ta' Vetturi Awtorizzati (ERATV)	Obbligatorja ([2])
Kontenut	Referenza li tippermetti l-irkupru tad-dejta teknika rilevanti mill-ERATV ([3]). Ir-referenza hija obbligatorja jekk it-tip ikun iddefinit fl-ERATV	
Format	5. Referenza li tippermetti l-irkupru tad-dejta teknika rilevanti mill-ERATV	Kodiċi(jiet) alfa-numeriku(ċi)
5a	Serje	Fakultattiva
Kontenut	Identifikazzjoni ta' serje, jekk il-vettura tkun parti minn serje	
	5a Serje	Test
6.	Restrizzjonijiet	Obbligatorji
Kontenut	Kwalunkwe restrizzjoni dwar kif tista' tintuża l-vettura	
Format	6.1. Restrizzjonijiet ikkodifikati (ara l-Appendiċi 1)	Kodiċi
	6.2 Restrizzjonijiet mhux ikkodifikati	Test
7.	Sid	Obbligatorju
Kontenut	Identifikazzjoni ta' sid il-vettura	
Format	7.1. Isem l-organizzazzjoni	Test
	7.2. Numru tar-reġistrazzjoni tal-kumpanija	Test
	7.3. Indirizz tal-organizzazzjoni, triq u numru	Test
	7.4. Belt	Test
	7.5. Kodiċi tal-pajjiż	ISO (ara l-Appendiċi 2)
	7.6. Kodiċi postali	Kodiċi alfa-numeriku
8.	Kustodju	Obbligatorju
Kontenut	Identifikazzjoni tal-kustodju tal-vettura	
Format	8.1. Isem l-organizzazzjoni	Test
	8.2. Numru tar-reġistrazzjoni tal-kumpanija	Test
	8.3. Indirizz tal-organizzazzjoni, triq u numru	Test
	8.4. Belt	Test
	8.5. Kodiċi tal-pajjiż	ISO (ara l-Appendiċi 2)
	8.6. Kodiċi postali	Kodiċi alfa-numeriku
	8.7. VKM (jekk disponibbli)	Kodiċi alfa-numeriku

▼M1

9.	Entità responsabbli għall-manutenzjoni	Obbligatorja
Kontenut	Referenza għall-entità responsabbli għall-manutenzjoni	
Format	9.1. Entità responsabbli għall-manutenzjoni	Test
	9.2. Numru tar-reġistrazzjoni tal-kumpanija	Test
	9.3. Indirizz tal-entità, triq u numru	Test
	9.4. Belt	Test
	9.5. Kodiċi tal-pajjiż	ISO
	9.6. Kodiċi postali	Kodiċi alfa-numeriku
	9.7. Indirizz tal-posta elettronika (e-mail)	Indirizz elettroniku (e-mail)
10.	Irtirar	Obbligatorju meta applikabbli
Kontenut	Data tal-iskrappjar uffiċjali u/jew arranġament ieħor għar-rimi u l-kodiċi għall-mezz ta' rtirar	
Format	10.1. Mezz ta' rimi (ara l-Appendiċi 3)	Kodiċi b'żewġ (2) ċifri
	10.2. Data tal-irtirar	Data
11.	Stati Membri fejn il-vettura hija awtorizzata	Obbligatorji
Kontenut	Lista ta' Stati Membri fejn il-vettura hija awtorizzata	
Format	11. Kodiċi numeriku tal-Istat Membru kif iddefinit fl-Anness p. 4 għall-OPE TSI	Lista
12.	Numru tal-awtorizzazzjoni	Obbligatorju
Kontenut	Numru armonizzat tal-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-servizz, iġġenerat mill-NSA	
Format	12. Numru tal-awtorizzazzjoni	Għal vetturi eżistenti: test Għal vetturi ġodda: kodiċi alfanumeriku bbażat fuq l-EIN, ara l-Appendiċi 2.
13.	Awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-servizz	Obbligatorja
Kontenut	Data tal-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-servizz [4] tal-vettura u l-validità tagħha	

▼M1

Format	13.1. Data tal-awtorizzazzjoni	Data (SSSSXXJJ)
	13.2. Awtorizazzjoni valida sa (jekk speċifikat)	Data (SSSSXXJJ)
	13.3. Sospensjoni tal-awtorizzazzjoni	Iva/Le

([1]) Skont id-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni 2006/920/KE u 2008/231/KE, kif emendati bid-Deċiżjoni 2009/107/KE, għandha tintuża l-istess sistema ta' numerazzjoni kemm għall-vetturi ta' veloċità għolja kif ukoll għal dawk konvenzjonali.
([2]) Għat-tipi ta' vetturi awtorizzati skont l-Artikolu 26 tad-Direttiva 2008/57/KE.
([3]) Ir-reġistru pprovdut fl-Artikolu 34 tad-Direttiva 2008/57/KE.
([4]) L-awtorizzazzjoni mogħtija skont il-Kapitolu V tad-Direttiva 2008/57/KE jew awtorizzazzjoni mogħtija skont ir-reġimi ta' awtorizzazzjoni eżistenti qabel it-traspożizzjoni tad-Direttiva 2008/57/KE.

2. ARKITETTURA

2.1. **Rabtiet ma' reġistri oħra**

Qed jiġu stabbiliti diversi reġistri parzjalment bħala konsegwenza tar-reġim regolatorju l-ġdid tal-UE. It-tabella t'hawn taħt tiġbor fil-qosor liema reġistri u bażijiet tad-dejta jista' jkollhom rabtiet mal-NVR meta jiġu implimentati.

Reġistru jew bażi tad-dejta	Entità responsabbli	Entitajiet oħra li għandhom aċċess
NVR (Id-Direttiva dwar l-Interoperabilità)	Entità ta' reġistrazzjoni (RE) ([1]) /NSA	NSA/RE/RU/IM/IB/RB/ Kustodju/Sid/ERA/ OTIF oħrajn
ERATV (Id-Direttiva dwar l-Interoperabilità)	ERA	Pubbliku
RSRD (TAF TSI u SEDP)	Kustodju	RU/IM/NSA/ERA/ Kustodju/Ħwienet taxxogħol
WIMO (TAF TSI u SEDP)	Għadha mhix deċiża	RU/IM/NSA/ERA/ Kustodju/Ħwienet taxxogħol/Utent
Reġistru ferrovjarju tal-vetturi ferrovjarji ([2]) (Konvenzjoni ta' Cape Town)	Reġistratur	Pubbliku
Reġistru OTIF (COTIF 99 — ATMF)	OTIF	Awtoritajiet Kompetenti/RU/IM/IB/ RB/Kustodju/Sid/ERA/ Seg. OTIF

([1]) L-Entità ta' Reġistrazzjoni ("RE") hija l-entità nnominata minn kull Stat Membru, skont l-Artikolu 33(1)(b) tad-Direttiva 2008/57/KE, għaż-żamma u għall-aġġornament tal-NVR.
([2]) Kif inhu pprovdut fil-Protokoll tal-Lussemburgu għall-konvenzjoni dwar il-garanziji internazzjonali fuq tagħmir mobbli għal kwistjonijiet speċifiċi tal-vetturi ferrovjarji, iffirmat fil-Lussemburgu fit-23 ta' Frar 2007.

Mhux possibbli li wieħed joqgħod jistenna li r-reġistri kollha jkunu lesti qabel ma jiġi implimentat l-NVR. Għalhekk, l-ispeċifikazzjoni tal-NVR trid tagħti spazju lil *interfacing* sussegwenti ma' dawn ir-reġistri l-oħra. Għal dan il-għan:

— ERATV: issir referenza għal dan fl-NVR, billi tkun ipprovduta referenza għat-tip ta' vettura. Il-ħolqa bejn iż-żewġ reġistri huwa l-punt Nru 5.

▼M1

— RSRD: din tinkludi ċerti punti “amministrattivi” tal-NVR. Taħt speċifikazzjoni fi ħdan it-TAF TSI SEDP. Is-SEDP għandu jqis l-ispeċifikazzjoni tal-NVR.

— WIMO: din tinkludi dejta mill-RSRD u dejta dwar il-manutenzjoni. Mhi prevista l-ebda rabta mal-NVR.

— VKMR: dan ir-reġistru huwa ġestit mill-ERA u mill-OTIF b’kooperazzjoni bejniethom (l-ERA għall-UE u l-OTIF għall-Istati Membri kollha tal-OTIF li mhumiex fl-UE). Il-kustodju huwa rreġistrat fl-NVR. It-TSI OPE tispeċifika reġistri globali ċentrali oħra (bħall-kodiċijiet tat-tipi ta’ vetturi, il-kodiċijiet tal-interoperabilità, il-kodiċijiet tal-pajjiżi, eċċ.) li għandhom jiġu ġestiti minn “korp ċentrali” li jirriżulta mill-kooperazzjoni bejn l-ERA u l-OTIF.

— Reġistru ferrovjarju tal-vetturi ferrovjarji (Konvenzjoni ta’ Cape Town/Protokoll tal-Lussemburgu): dan huwa reġistru ta’ informazzjoni finanzjarja relatat mat-tagħmir mobbli u għadu ma ġiex żviluppat. Hemm rabta possibbli għaliex ir-reġistru tal-UNIDROIT jeħtieġ informazzjoni dwar in-numru u s-sid tal-vettura. Il-ħolqa bejn iż-żewġ reġistri għandu jkun l-ewwel EVN assenjat lill-vettura.

— Reġistri OTIF: ir-reġistri OTIF qed ikunu żviluppati billi jitqiesu r-reġistri tal-vetturi tal-UE.

L-arkitettura tas-sistema kollha, kif ukoll ir-rabtiet bejn l-NVR u r-reġistri l-oħra, għandha tkun iddefinita b’tali mod li tippermetti l-irkupru tal-informazzjoni mitluba meta dan ikun meħtieġ.

2.2. **L-arkitettura tal-NVR globali tal-UE**

Ir-reġistri tal-NVR għandhom ikunu implimentati permezz ta’ soluzzjoni deċentralizzata. L-għan huwa li tiġi implimentata magna ta’ tiftix għad-dejta mqassma, permezz ta’ applikazzjoni tas-softwer komuni, li tippermetti lill-utenti jirkupraw id-dejta mir-Reġistri Lokali (LR) kollha fl-Istati Membri.

Id-dejta tal-NVR għandha tinħażen fuq il-livell nazzjonali u tkun aċċessibbli permezz ta’ applikazzjoni bbażata fuq il-web (bl-indirizz web tagħha stess).

Ir-Reġistru Ċentralizzat Ewropew Virtwali tal-Vetturi (EC VVR) għandu jkun magħmul minn żewġ subsistemi:


— ir-Reġistru Virtwali tal-Vetturi (VVR) li huwa l-magna ċentrali ta’ tiftix fl-ERA;

— ir-Reġistru(i) Nazzjonali tal-Vetturi (NVR) li huma l-LR fl-Istati Membri. L-Istati Membri jistgħu jużaw l-NVR standard (sNVR) li ġie żviluppat mill-Aġenzija jew jiżviluppaw l-applikazzjonijiet tagħhom stess f’konformità ma’ din l-ispeċifikazzjoni. Fil-każ tal-aħħar, għal komunikazzjoni mill-NVR mal-VVR l-Istati Membri għandhom jużaw Magna ta’ Traduzzjoni (TE) żviluppata mill-Aġenzija.

▼M1

Figura 1

Arkitettura EC-VVR



Din l-arkitettura hija bbażata fuq żewġ subsistemi komplementari li jippermettu tiftix fuq dejta maħżuna lokalment fl-Istati Membri kollha. Din għandha:

— tistabbilixxi reġistri kompjuterizzati fuq il-livell nazzjonali u tiftaħhom għal konsultazzjoni inkroċjata,

— tissostitwixxi reġistri fuq il-karta b'reġistri kompjuterizzati sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jiġġestixxu u jaqsmu l-informazzjoni ma' Stati Membri oħrajn,

— tippermetti konnessjonijiet bejn l-NVRs u l-VVR, billi jintużaw standards u terminoloġija komuni.

Il-prinċipji ewlenin ta' din l-arkitettura huma kif ġej:

— l-NVRs kollha għandhom ikunu parti mis-sistema tan-netwerk kompjuterizzat,

— l-Istati Membri għandhom jaraw id-dejta komuni meta jkollhom aċċess għas-sistema,

— reġistrazzjoni doppja tad-dejta u l-iżbalji relatati possibbli għandhom ikunu evitati ladarba jkun ġie stabbilit l-VVR,

— dejta aġġornata.

L-Aġenzija għandha tqiegħed għad-dispożizzjoni tar-RE l-fajls u d-dokumenti ta' installazzjoni li ġejjin sabiex jintużaw ħalli jiġu stabbiliti l-sNVR u t-TE u sabiex dawn ikunu konnessi mal-VVR ċentrali:

— Fajls ta' installazzjoni:

  — sNVR_Installation_Files;

  — TE_Installation_Files;

— Dokumenti:

  — Administrator_Guide_sNVR;

  — CSV_export;

  — CSV_import;

  — sNVR_Deployment_Guide;

▼M1

— Utent_Guide_sNVR;

— NVR-TE_Deployment_Guide;

— NVR-TE_Integration_Guide;

— Utent_Guide_VVR.

3. MOD OPERATTIV

3.1. **Użu tal-NVR**

L-NVR għandu jintuża għall-iskopijiet li ġejjin:

— reġistrazzjoni tal-awtorizzazzjoni,

— reġistrazzjoni tal-EVN allokat lill-vetturi,

— tiftix ta' informazzjoni fil-qosor, madwar l-Ewropa kollha, dwar vettura partikolari,

— azzjoni ta' segwitu għal aspetti legali bħalma huma l-obbligi u l-informazzjoni legali,

— irkupru ta' informazzjoni għal spezzjonijiet prinċipalment relatati mas-sikurezza u mal-manutenzjoni,

— il-possibbiltà ta' kuntatt mas-sid u mal-kustodju,

— kontroverifika ta' ċerti rekwiżiti tas-sikurezza qabel jinħarġu ċ-Ċertifikati tas-Sikurezza,

— azzjoni ta' segwitu dwar vettura partikolari.

3.2. **Formoli tal-applikazzjoni**

3.2.1. *Applikazzjoni għal reġistrazzjoni*

Il-formola li għandha tintuża tinsab fl-Appendiċi 4.

L-entità li tapplika għar-reġistrazzjoni ta' vettura għandha timmarka l-kaxxa "Reġistrazzjoni ġdida". Wara, għandha timla l-ewwel parti tal-formola bl-informazzjoni kollha meħtieġa mill-punt 2 sal-punt 9 u l-punt 11, biex imbagħad tibgħatha lil:

— ir-RE tal-Istat Membru fejn qed tintalab ir-reġistrazzjoni,

— ir-RE tal-ewwel Stat Membru fejn biħsiebha topera, għal vettura li ġejja minn pajjiż terz.

3.2.2. *Reġistrazzjoni ta' vettura u ħruġ ta' Numru Ewropew tal-Vettura.*

Fil-każ tal-ewwel reġistrazzjoni, ir-RE kkonċernata toħroġ in-Numru Ewropew tal-Vettura.

Jista' jkun hemm formola ta' reġistrazzjoni separata għal kull vettura jew formola waħda għal sett sħiħ ta' vetturi tal-istess serje jew tal-istess ordni b'lista tan-numri tal-vetturi mehmuża.

Ir-RE trid tieħu passi raġonevoli biex tiżgura mill-akkuratezza tad-dejta li ddaħħal fl-NVR. Għal dan l-għan, ir-RE tista' titlob informazzjoni mingħand RE oħrajn, partikolarment meta l-entità li tkun qed tapplika għal reġistrazzjoni fi Stat Membru ma tkunx stabbilita f'dak l-Istat Membru.

▼M1

3.2.3. *Bidla ta' punt ta' reġistrazzjoni wieħed jew aktar*

L-entità li tapplika għal bidla fil-punt(i) ta' reġistrazzjoni tal-vetturi tagħha għandha:

— timmarka l-kaxxa "Modifika",

— timla l-EVN attwali (punt Nru 0),

— timmarka l-kaxxa(i) quddiem il-punt(i) immodifikat(i),

— tniżżel il-kontenut il-ġdid tal-punt(i) immodifikat(i), u mbagħad tibgħat il-formola lir-RE tal-Istati Membri kollha fejn tkun irreġistrata il-vettura.

L-użu tal-formola standard jista' ma jkunx biżżejjed għal ċerti każijiet. Jekk ikun meħtieġ, b'hekk, ir-RE kkonċernata tista' tressaq dokumenti addizzjonali kemm f'forma ta' karti kif ukoll f'forma elettronika.

Ħlief jekk ikun speċifikat mod ieħor fid-dokumenti ta' reġistrazzjoni, il-kustodju tal-vettura jitqies bħala d-"detentur tar-reġistrazzjoni" fit-tifsira tal-Artikolu 33(3) tad-Direttiva 2008/57/KE.

Jekk jinbidel il-kustodju, hija r-responsabbiltà tal-kustodju attwalment irreġistrat li jinnotifika lir-RE u r-RE trid tinnotifika lill-kustodju l-ġdid bil-bidla fir-reġistrazzjoni. Il-kustodju preċedenti għandu jitneħħa mill-NVR u għandhom jitneħħewlu r-responsabbiltajiet tiegħu biss meta l-kustodju l-ġdid ikun irrikonoxxa l-aċċettazzjoni tal-istatus ta' kustodju. Jekk fid-data ta' dereġistrazzjoni tal-kustodju attwalment irreġistrat l-ebda kustodju ġdid ma jkun aċċetta l-istatus ta' kustodju, ir-reġistrazzjoni tal-vettura għandha tiġi sospiża.

F'każijiet fejn, skont l-OPE TSI, minħabba bidliet tekniċi, il-vettura trid tingħata EVN ġdid, id-detentur tar-reġistrazzjoni għandu jinforma b'dawn il-bidliet u, jekk applikabbli, bl-awtorizzazzjoni l-ġdida għat-tqegħid fis-servizz, lir-RE tal-Istat Membru fejn tkun irreġistrata l-vettura. Din ir-RE għandha tassenja EVN ġdid lill-vettura.

3.2.4. *Irtirar ta' reġistrazzjoni*

L-entità li tapplika għal irtirar ta' reġistrazzjoni għandha timmarka l-kaxxa "Irtirar". Imbagħad għandha timla l-punt Nru 10 u tibgħat il-formola lir-RE tal-Istati Membri kollha fejn tkun irreġistrata l-vettura.

Ir-RE tagħti r-reġistrazzjoni tal-irtirar billi timla d-data tal-irtirar u tagħti rikonoxximent tal-irtirar lill-entità.

3.2.5. *Awtorizzazzjoni f'diversi Stati Membri*

1. Meta vettura mgħammra b'kabina tas-sewqan diġà awtorizzata u rreġistrata fi Stat Membru wieħed tiġi awtorizzata fi Stat Membru ieħor, din trid tiġi rreġistrata fl-NVR tat-tieni Stat Membru. Madankollu, f'dan il-każ, hija biss id-dejta relatata mal-punti 1, 2, 6, 11, 12 u 13, u fejn huwa rilevanti, id-dejta relatata mal-oqsma miżjuda mal-NVR mit-tieni Stat Membru li trid tiġi rreġistrata, peress li din id-dejta biss hija relatata mat-tieni Stat Membru.

Din id-dispożizzjoni hija applikabbli sakemm il-VVR u r-rabtiet mal-NVR rilevanti kollha ma jkunux kompletament operattivi u, matul dan

▼M1

il-perjodu, ir-RE kkonċernati għandhom jiskambjaw informazzjoni bejniethom sabiex jiżguraw li d-dejta relatata mal-istess vettura tkun konsistenti.

2. Il-vetturi li mhumiex mgħammra b'kabina tas-sewqan, bħall-vaguni tal-merkanzija, il-vaguni tal-passiġġieri u xi vetturi speċjali, għandhom ikunu rreġistrati biss fl-NVR tal-Istat Membru fejn jitqiegħdu fis-servizz għall-ewwel darba.

3. Għal kwalunkwe vettura, l-NVR fejn tiġi rreġistrata l-ewwel darba jinkludi d-dejta relatata mal-punti 2, 6, 12 u 13 għal kull wieħed mill-Istati Membri fejn ngħatat awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-servizz lil din il-vettura.

3.3. **Drittijiet ta' aċċess**

Id-drittijiet ta' aċċess għal dejta ta' NVR minn Stat Membru partikolari "XX" huma elenkati fit-tabella t'hawn taħt, fejn il-kodiċijiet ta' aċċess huma ddefiniti kif ġej:

Kodiċi ta' aċċess	Tip ta' aċċess
0.	L-ebda aċċess
1.	Konsultazzjoni ristretta (kundizzjonijiet fil-kolonna "Drittijiet ta' qari")
2.	Konsultazzjoni mhux ristretta
3.	Konsultazzjoni u aġġornament ristretti
4.	Konsultazzjoni u aġġornament mhux ristretti

Entità	Definizzjoni	Drittijiet ta' qari	Drittijiet ta' aġġornament	Punt Nru 7	Il-punti l-oħra kollha
RE/ NSA"XX"	RE/NSA fl-Istat Membru "XX"	Id-dejta kollha	Id-dejta kollha	4	4
NSA/RE oħrajn	NSA oħrajn u/ jew RE oħrajn	Id-dejta kollha	Xejn	2	2
ERA	Aġenzija Ferrovjarja Ewropea	Id-dejta kollha	Xejn	2	2
Kustodji	Kustodju tal-Vettura	Id-dejta kollha dwar il-vetturi li tagħhom huwa kustodju	Xejn	1	1
Amministraturi tal-flotta	Amministratur tal-vetturi kif maħtur mill-kustodju	Vetturi li nħatru amministratur tagħhom mill-kustodju	Xejn	1	1
Sidien	Sid il-vettura	Id-dejta kollha dwar il-vetturi li tagħhom huma sidien	Xejn	1	1

▼M1

Entità	Definizzjoni	Drittijiet ta' qari	Drittijiet ta' aġġornament	Punt Nru 7	Il-punti l-oħra kollha
RU	Operatur Ferrovjarju	Id-dejta kollha bbażata fuq in-numru tal-vettura	Xejn	0	1
IM	Amministratur tal-Infrastruttura	Id-dejta kollha bbażata fuq in-numru tal-vettura	Xejn	0	1
IB u RB	Korpi ta' kontroll u ta' verifika nnotifikati mill-Istati Membri	Id-dejta kollha dwar vetturi li qed jiġu kkontrollati jew ivverifikati	Xejn	2	2
Utenti leġittimi oħrajn	L-utenti każwali kollha rikonoxxuti mill-NSA jew mill-ERA	Għandhom jiġu ddefiniti kif inhu xieraq, tul ta' żmien possibbilment limitat	Xejn	0	1

3.4. **Reġistri storiċi**

Id-dejta kollha fl-NVR trid tinżamm għal għaxar (10) snin mid-data tal-irtirar ta' reġistrazzjoni ta' vettura. Mill-inqas, għall-ewwel tliet snin, id-dejta trid tkun disponibbli onlajn. Wara tliet snin id-dejta tista' tinżamm jew elettronikament, jew f'forma ta' karta jew inkella fi kwalunkwe sistema ta' arkivjar oħra. Jekk fi kwalunkwe żmien matul il-perjodu ta' għaxar (10) snin, tinbeda investigazzjoni li tinvolvi vettura jew vetturi, id-dejta relatata ma' dawn il-vetturi trid tinżamm lil hinn mill-perjodu ta' għaxar (10) snin, jekk dan ikun mitlub.

Wara l-irtirar ta' reġistrazzjoni ta' vettura, l-ebda wieħed min-numri ta' reġistrazzjoni assenjati lill-vettura ma jista' jiġi assenjat lil xi vettura oħra għal mitt (100) sena mid-data meta ġiet irtirata l-vettura.

Kwalunkwe bidla fl-NVR għandha tiġi rreġistrata. Il-ġestjoni tal-bidliet storiċi tista' tiġi indirizzata permezz ta' soluzzjonijiet tal-IT.

4. VETTURI EŻISTENTI

4.1. **Kontenut tad-dejta**

It-13-il punt miżmuma ġew elenkati hawn taħt, b'indikazzjoni dwar liema minnhom huma obbligatorji u liema mhumiex.

4.1.1. *Punt Nru 1 — Numru Ewropew tal-Vettura (Obbligatorju)*

(a) Vetturi li diġà għandhom numru bi 12-il ċifra

Pajjiżi fejn hemm kodiċi uniku tal-pajjiż:

Dawn il-vetturi għandhom iżommu n-numru attwali tagħhom. In-numru bi 12-il ċifra għandu jkun irreġistrat bħala tali mingħajr l-ebda modifika.

Pajjiżi fejn hemm kemm kodiċi ewlieni tal-pajjiż kif ukoll kodiċi speċifiku allokat qabel:

— Il-Ġermanja, fejn il-kodiċi ewlieni tal-pajjiż huwa 80 u l-kodiċi speċifiku huwa 68 għall-AAE (Ahaus Alstätter Eisenbahn);

▼M1

— L-Isvizzera, fejn il-kodiċi ewlieni tal-pajjiż huwa 85 u l-kodiċi speċifiku huwa 63 għall-BLS (Bern–Lötschberg–Simplon Eisenbahn);

— L-Italja, fejn il-kodiċi ewlieni tal-pajjiż huwa 83 u l-kodiċi speċifiku huwa 64 għall-FNME (Ferrovie Nord Milano Esercizio);

— L-Ungerija, fejn il-kodiċi ewlieni tal-pajjiż huwa 55 u l-kodiċi speċifiku huwa 43 għall-GySEV/ROeEE (Győr-Sopron-Ebenfurti Vasút Részvénytársaság/Raab-Ödenburg-Ebenfurter Eisenbahn).

Dawn il-vetturi għandhom iżommu n-numru attwali tagħhom. In-numru bi 12-il ċifra għandu jkun irreġistrat bħala tali mingħajr l-ebda modifika ([1]).

Is-sistema tal-IT trid tqis iż-żewġ kodiċijiet (il-kodiċi ewlieni tal-pajjiż u l-kodiċi speċifiku) bħala relatati mal-istess pajjiż.

(b) Vetturi mingħajr numru bi 12-il ċifra

Tapplika proċedura ta' żewġ fażijiet:

— Fl-NVR jiġi allokat numru bi 12-il ċifra (skont l-OPE TSI) iddefinit skont il-karatteristiċi tal-vettura. Is-sistema tal-IT għandha torbot dan in-numru rreġistrat man-numru attwali tal-vettura.

— Għall-vetturi li jintużaw fit-traffiku internazzjonali, ħlief dawk riservati għal użu storiku: in-numru bi 12-il ċifra jiġi fiżikament applikat għall-vettura nfisha fi ħdan perjodu ta' sitt snin wara l-allokazzjoni fl-NVR. Għall-vetturi li jintużaw fit-traffiku domestiku u għal dawk riservati għal użu storiku: l-applikazzjoni fiżika tan-numru bi 12-il ċifra hija volontarja.

4.1.2. *Punt Nru 2 — Stat Membru u NSA (Obbligatorju)*

Il-punt "Stat Membru" jrid dejjem jirreferi għall-Istat Mmebru fejn il-vettura hija rreġistrata fl-NVR tiegħu. Għall-vetturi minn pajjiżi terzi, dan il-punt jirreferi għall-ewwel Stat Membru li awtorizza t-tqegħid fis-servizz tal-vettura fin-netwerk ferrovjarju tal-Unjoni Ewropea. Il-punt "NSA" jirreferi għall-entità li tat l-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-servizz tal-vettura.

4.1.3. *Punt Nru 3 — Sena tal-manifattura*

Fejn is-sena tal-manifattura ma tkunx magħrufa preċiżament, għandha tiddaħħal is-sena approssimattiva.

4.1.4. *Punt Nru 4 — Referenza KE*

Normalment referenza bħal din ma teżistix għall-vetturi eżistenti, ħlief għal ftit HS RS. Għandha tiġi rreġistrata biss jekk tkun disponibbli.

4.1.5. *Punt Nru 5 — Referenza għall-ERATV*

Għandha tiġi rreġistrata biss jekk tkun disponibbli.

Sakemm jitwaqqaf l-ERATV, tista' ssir referenza għar-Reġistru tal-Vetturi Ferrovjarji (Artikolu 22a tad-Direttiva tal-Kunsill 96/48/KE ([2]) u Artikolu 24 tad-Direttiva 2001/16/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3])).

([1]) Madankollu, kwalunkwe vettura ġdida li titqiegħed fis-servizz għall-AAE, għall-BLS, għall-FNME u għall-GySEV/ROeEE għandha tingħata l-kodiċi standard tal-pajjiż.
([2]) ĠU L 235, 17.9.1996, p. 6.
([3]) ĠU L 110, 20.4.2001, p. 1.

▼M1

4.1.6. *Punt Nru 6 — Restrizzjonijiet*

Għandha tiġi rreġistrata biss jekk tkun disponibbli.

4.1.7. *Punt Nru 7 — Sid (Obbligatorju)*

Obbligatorju u normalment disponibbli.

4.1.8. *Punt Nru 8 — Kustodju (Obbligatorju)*

Obbligatorju u normalment disponibbli. Il-VKM (kodiċi uniku kif inhu indikat fir-reġistru tal-VKM) trid tiddaħħal jekk il-kustodju jkollu waħda.

4.1.9. *Punt Nru 9 — Entità responsabbli għall-manutenzjoni (Obbligatorju)*

Dan il-punt huwa obbligatorju.

4.1.10. *Punt Nru 10 — Irtirar*

Applikabbli kif ikun xieraq.

4.1.11. *Punt Nru 11 — Stati Membri fejn il-vetturi tkun awtorizzata*

Normalment, il-vaguni skont ir-RIV, il-vaguni tal-passiġġieri skont ir-RIC u l-vetturi li jaqgħu taħt ftehimiet bilaterali jew multilaterali huma rreġistrati bħala tali. Jekk din l-informazzjoni tkun disponibbli, għandha tiġi rreġistrata skont dan.

4.1.12. *Punt Nru 12 — Numru tal-awtorizzazzjoni*

Għandu jiġi rreġistrat biss jekk ikun disponibbli

4.1.13. *Punt Nru 13 — Tqegħid fis-servizz (Obbligatorju)*

Fejn id-data tat-tqegħid fis-servizz ma tkunx magħrufa preċiżament, għandha tiddaħħal is-sena approssimattiva.

4.2. **Proċedura**

L-entità li qabel kienet responsabbli għar-reġistrazzjoni tal-vettura għandha tqiegħed l-informazzjoni kollha għad-dispożizzjoni tal-NSA jew tar-RE tal-pajjiż fejn tkun tinsab.

Il-vaguni tal-merkanzija u tal-passiġġieri eżistenti għandhom jiġu rreġistrati biss fl-NVR tal-Istat Membru fejn kienet tinsab l-entità ta' reġistrazzjoni preċedenti.

Jekk vettura eżistenti kienet ġiet awtorizzata f'diversi Stati Membri, ir-RE li tirreġistra din il-vettura għandha tibgħat id-dejta rilevanti lir-RE tal-Istati Membri l-oħra kkonċernati.

L-NSA jew ir-RE għandha tinkludi l-informazzjoni fl-NVR tagħha.

L-NSA jew l-RE għandha tinforma lill-partijiet kollha involuti meta t-trasferiment tal-informazzjoni jitlesta. Għandhom jiġu informati għall-inqas l-entitajiet li ġejjin:

— l-entità li qabel kienet responsabbli għar-reġistrazzjoni tal-vettura,

— il-kustodju,

— l-ERA.

▼M1

Appendiċi 1

IKKODIFIKAR TAR-RESTRIZZJONIJIET

1. PRINĊIPJI

Ir-restrizzjonijiet (karatteristiċi tekniċi) diġà rreġistrati f'reġistri oħrajn li l-NSA għandhom aċċess għalihom m'hemmx għalfejn jiġu rripetuti fl-NVR.

L-aċċettazzjoni fit-traffiku transkonfinali hija bbażata fuq:

— l-informazzjoni kkodifikata fin-numru tal-vettura,

— l-ikkodifikar alfabetiku, u

— l-immarkar tal-vettura.

Għalhekk informazzjoni bħal din m'hemmx għalfejn tiġi rripetuta fl-NVR.

2. STRUTTURA

Il-kodiċijiet huma strutturati fuq tliet livelli:

— l-ewwel livell (1): Kategorija ta' restrizzjoni

— it-tieni livell (2): Tip ta' restrizzjoni

— it-tielet livell (3): Valur jew speċifikazzjoni.

Ikkodifikar ta' restrizzjoni

Kat	Tip	Valur	Isem
1			**Restrizzjoni teknika relatata mal-kostruzzjoni**
	1	Numeriku (3)	Radju minimu tal-kurva f'metri
	2	—	Restrizzjonijiet għaċ-ċirkwit tal-binarji
	3	Numeriku (3)	Restrizzjonijiet għall-veloċità f'km/h (immarkati fuq il-vaguni u l-vaguni għall-passiġġieri, iżda mhux fuq il-lokomotivi)
2			**Restrizzjoni ġeografika**
	1	Alfanu-meriku (3)	Tagħmir għall-kejl kinematiku (ikkodifikar WAG TSI Anness C)
	2	Lista kkodifikata	Qies standard tal-kombinazzjoni ta' rota u fusien (*wheelset gauge)*
		1	Qies standard (*gauge*) varjabbli 1435/1520
		2	Qies standard (*gauge*) varjabbli 1435/1668
	3	—	L-ebda CCS abbord
	4	—	ERTMS A abbord
	5	Numeriku (3)	Sistema B abbord (*)
3			**Restrizzjonijiet ambjentali**
	1	Lista kkodifikata	Żona klimatika EN50125/1999
		1	T1
		2	T2
		3	T3

▼**M1**

Kat	Tip	Valur	Isem
4			**Restrizzjonijiet fuq l-użu inklużi fiċ-ċertifikat ta' awtorizzazzjoni**
	1	—	Abbaži taż-żmien
	2	—	Abbaži tal-kundizzjoni (distanza vvjaġġata, deterjorament minħabba użu, eċċ.)

(*) Jekk il-vettura hija mgħammra b'aktar minn sistema B waħda, irid jiġi indikat kodiċi individwali għal kull sistema.
Il-kodiċi numeriku huwa magħmul minn tliet karattri, fejn:
— 1xx jintuża għal vettura mgħammra b'sistema ta' sinjalazzjoni
— 2xx jintuża għal vettura mgħammra b'radju
Xx jikkorrispondi għall-ikkodifikar numeriku tal-Anness B għas-CCS TSI

▼M1

Appendiċi 2

STRUTTURA U KONTENUT TAL-EIN

Kodiċi għas-sistema ta' numerazzjoni armonizzata, imsejjaħ Numru Ewropew għall-Identifikazzjoni (EIN) għaċ-Ċertifikati tas-Sikurezza u dokumenti oħrajn

Eżempju:

I T	5 1	2 0 0 6	0 0 0 5
Kodiċi tal-pajjiż (2 ittri)	Tip ta' dokument (2 ċifri)	Sena tal-ħruġ (4 ċifri)	Kawnter (4 ċifri)
Kaxxa 1	Kaxxa 2	Kaxxa 3	Kaxxa 4

KAXXA 1 — KODIĊI TAL-PAJJIŻ (ŻEWĠ (2) ITTRI)

Il-kodiċijiet huma dawk uffiċjalment ippubblikati u aġġornati fis-sit web tal-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea fil-*Gwida tal-istil inter-istituzzjonali* (http://publications.eu.int/code/en/en-5000600.htm)

Stat	Kodiċi
L-Awstrija	AT
Il-Belġju	BE
Il-Bulgarija	BG
Ċipru	CY
Ir-Repubblika Ċeka	CZ
Id-Danimarka	DK
L-Estonja	EE
Il-Finlandja	FI
Franza	FR
Il-Ġermanja	DE
Il-Greċja	EL
L-Ungerija	HU
L-Islanda	IS
L-Irlanda	IE
L-Italja	IT
Il-Latvja	LV

Stat	Kodiċi
Il-Liechtenstein	LI
Il-Litwanja	LT
Il-Lussemburgu	LU
In-Norveġja	NO
Malta	MT
L-Olanda	NL
Il-Polonja	PL
Il-Portugall	PT
Ir-Rumanija	RO
Is-Slovakkja	SK
Is-Slovenja	SI
Spanja	ES
L-Isvezja	SE
L-Isvizzera	CH
Ir-Renju Unit	UK

Il-kodiċi għall-awtoritajiet multinazzjonali tas-sikurezza għandu jkun magħmul bl-istess mod. Bħalissa hemm awtorità waħda biss: l-Awtorità tas-Sikurezza taċ-*Channel Tunnel*. Għandu jintuża l-kodiċi li ġej:

Awtorità multinazzjonali tas-sikurezza	Kodiċi
Il-Kummissjoni Intergovernattiva taċ-*Channel Tunnel*	CT

KAXXA 2 — TIP TA' DOKUMENT (NUMRU B'ŻEWĠ (2) ĊIFRI)

Żewġ ċifri jippermettu l-identifikazzjoni tat-tip ta' dokument:

— l-ewwel ċifra tidentifika l-klassifikazzjoni ġenerali tad-dokument,

— it-tieni ċifra tispeċifika s-sottotip tad-dokument.

▼M1

Din is-sistema ta' numerazzjoni tista' tiġi estiża meta jkunu meħtieġa kodiċijiet oħrajn. Il-lista li ġejja hija lista proposta ta' kombinazzjonijiet magħrufa u possibbli ta' numri b'żewġ ċifri flimkien ma' kombinazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni tat-tqegħid fis-servizz tal-vetturi:

Kombinazzjoni ta' numri għall-Kaxxa 2	Tip ta' Dokument	Sottotip ta' Dokument
[0 1]	Liċenzji	Liċenzji għar-RU
[0 x]	Liċenzji	Oħrajn
[1 1]	Ċertifikat tas-Sikurezza	Parti A
[1 2]	Ċertifikat tas-Sikurezza	Parti B
[1 x]	Riservat	Riservat
[2 1]	Awtorizzazzjoni tas-Sikurezza	
[2 2]	Riservat	Riservat
[2 x]	Riservat	Riservat
[3 x]	Riservat eż. manutenzjoni għall-vetturi ferrovjarji, għall-infrastruttura jew oħrajn	
[4 x]	Riservat għall-Korpi Notifikati	eż. tipi differenti ta' Korpi Notifikati
[5 1] u [5 5] (*)	Awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-servizz	Vetturi ta' trazzjoni
[5 2] u [5 6] (*)	Awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-servizz	Vetturi tal-passiġġieri rmonkati
[5 3] u [5 7] (*)	Awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-servizz	Vaguni
[5 4] u [5 8] (*)	Awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-servizz	Vetturi speċjali
[5 9] (**)	Awtorizzazzjoni tat-tip ta' vettura	
[6 0]	Awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-servizz	Sottosistemi tal-Infrastruttura, tal-Enerġija u għall-montatura mal-binarji tal-Kmand ta' Kontroll u Sinjalazzjoni
[6 1]	Awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-servizz	Sottosistema tal-Infrastruttura
[6 2]	Awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-servizz	Sottosistema tal-Enerġija
[6 3]	Awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-servizz	Subsistema għall-montatura mal-binarji tal-Kmand ta' Kontroll u Sinjalazzjoni
[7 1]	Liċenza tas-Sewqan tal-ferroviji	Kawnter sa u jinkludi 9 999

▼**M1**

Kombinazzjoni ta' numri għall-Kaxxa 2	Tip ta' Dokument	Sottotip ta' Dokument
[7 2]	Liċenza tas-Sewqan tal-ferroviji	Kawnter minn 10 000 sa u jinkludi 19 000
[7 3]	Liċenza tas-Sewqan tal-ferroviji	Kawnter minn 20 000 sa u jinkludi 29 000
[8 x] … [9 x]	Riżervat (2 tipi ta' dokumenti)	Riżervat (10 sottotipi kull wieħed)

(*) Jekk l-erba' (4) ċifri riservati għall-kaxxa 4 "Kawnter" jintużaw kompletament fi żmien sena, l-ewwel żewġ ċifri tal-kaxxa 2 għandhom jinbidlu rispettivament minn:
— [5 1] għal [5 5] għall-vetturi ta' trazzjoni,
— [5 2] għal [5 6] għall-vetturi tal-passiġġieri rmonkati,
— [5 3] għal [5 7] għall-vaguni,
— [5 4] għal [5 8] għall-vetturi speċjali.

(**) Iċ-ċifri allokati fil-kaxxa 4 huma:
— Minn 1 000 sa 1 999 għall-vetturi ta' trazzjoni,
— Minn 2 000 sa 2 999 għall-vetturi tal-passiġġieri rmonkati,
— Minn 3 000 sa 3 999 għall-vaguni,
— Minn 4 000 sa 4 999 għall-vetturi speċjali.

KAXXA 3 — SENA TAL-ĦRUĠ (NUMRU B'ERBA' (4) ĊIFRI)

Din il-kaxxa tindika s-sena (fil-format speċifikat ssss, jiġifieri erba' (4) ċifri) li fiha nħarġet l-awtorizzazzjoni.

KAXXA 4 — KAWNTER

Il-kawnter huwa numru progressiv li jiżdied b'unità waħda kull darba li jinħareġ dokument, irrispettivament minn jekk tkunx awtorizzazzjoni ġdida, imġedda jew aġġornata/emendata. Anki fejn ċertifikat jiġi revokat jew awtorizzazzjoni tiġi sospiża, in-numru tiegħu jew tagħha ma jistax jerġa' jintuża.

Kull sena l-kawnter jerġa' jibda miż-żero.

▼M1

Appendiċi 3

IKKODIFIKAR TAL-IRTIRAR

Kodiċi	Mezz ta' rtirar	Deskrizzjoni
00	Xejn	Il-vettura għandha reġistrazzjoni valida.
10	Reġistrazzjoni sospiża L-ebda raġuni speċifikata	Ir-reġistrazzjoni tal-vettura ġiet sospiża fuq it-talba tas-sid jew tal-kustodju jew b'deċiżjoni tal-NSA jew tar-RE.
11	Reġistrazzjoni sospiża	Il-vettura hija ddestinata biex tinżamm f'maħżen waqt li għadha taħdem bħal riserva inattiva jew strateġika.
20	Reġistrazzjoni ttrasferita	Huwa magħruf li l-vettura ġiet irreġistrata mill-ġdid taħt numru differenti jew minn NVR differenti, għal użu kontinwu fuq in-netwerk ferrovjarju Ewropew (kollu kemm hu jew parti minnu).
30	Irtirar L-ebda raġuni speċifikata	Ir-reġistrazzjoni tal-vettura biex taħdem fuq in-netwerk ferrovjarju Ewropew intemmet mingħajr reġistrazzjoni mill-ġdid magħrufa.
31	Irtirar	Il-vettura hija destinata għal użu kontinwu bħala vettura ferrovjarja barra min-netwerk ferrovjarju Ewropew.
32	Irtirar	Il-vettura hija ddestinata għal irkupru ta' kostitwenti/moduli/partijiet tal-bdil (*spares*) inter-operabbli ewlenin jew għal bini mill-ġdid fuq skala kbira
33	Irtirar	Il-vettura hija ddestinata għal skrappjar u għal rimi tal-materjali (inklużi l-partijiet tal-bdil (*spares*) ewlenin) għar-riċiklaġġ.
34	Irtirar	Il-vettura hija ddestinata li tkun waħda mill-"vetturi ferrovjarji storiċi ppreservati" biex titħaddem fuq netwerk segregat, jew għal wiri statiku, barra min-netwerk ferrovjarju Ewropew.

Użu tal-kodiċijiet

— Jekk ir-raġuni għall-irtirar mhix speċifikata, għandhom jintużaw il-kodiċijiet 10, 20 u 30 biex tiġi indikata l-bidla fl-istatus tar-reġistrazzjoni.

— Jekk tkun disponibbli r-raġuni għall-irtirar, il-kodiċijiet 11; 31; 32; 33 u 34 huma għażliet disponibbli fil-bażi tad-dejta tal-NVR. Dawn il-kodiċijiet huma bbażati biss fuq l-informazzjoni pprovduta mill-kustodju jew mis-sid lir-RE.

Kwistjonijiet ta' reġistrazzjoni

— Vettura li r-reġistrazzjoni tagħha ġiet sospiża jew irtirata ma tistax topera fuq in-netwerk ferrovjarju Ewropew taħt ir-reġistrazzjoni rreġistrata.

— Attivazzjoni mill-ġdid ta' reġistrazzjoni wara sospensjoni għandha titlob il-verifika mill-entità ta' reġistrazzjoni tal-kundizzjonijiet li kkawżaw is-sospensjoni.

— Trasferiment ta' reġistrazzjoni, fil-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 1b tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/920/KE ([1]) u fl-Artikolu 1b tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/231/KE ([2]) kif emendata bid-Deċiżjoni 2010/640/UE ([3]), jikkonsisti f'reġistrazzjoni ġdida tal-vettura u rtirar sussegwenti tar-reġistrazzjoni l-qadima.

([1]) ĠU L 359, 18.12.2006, p. 1.
([2]) ĠU L 84, 26.3.2008, p. 1.
([3]) ĠU L 280, 26.10.2010, p. 29.

▼M1

Appendiċi 4

FORMOLA STANDARD GĦAR-REĠISTRAZZJONI



Formola standard għar-reġistrazzjoni ta' vetturi awtorizzati (1)

f'konformità mad-Direttiva 2008/57/KE u mal-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli

Applikazzjoni għal: Reġistrazzjoni ġdida ☐ Modifika ☐ (2) Irtirar ☐

INFORMAZZJONI DWAR IL-VETTURA

1. **Numru**

1.1. Numru Ewropew tal-Vettura (3) _ _ _ _ _ _ _ _ _ _ _ _ - _

1.2. Numru assenjat preċedentement lill-vettura (4)

2. **Stat Membru fejn qed tintalab ir-reġistrazzjoni u l-NSA li awtorizzat il-vettura**

2.1. Stat Membru: _ _

2.2. Isem l-NSA: .....

3. **Sena tal-manifattura:** _ _ _ _

4. **Referenza KE**

4.1. Data tad-dikjarazzjoni: _ _ _ _ _ _ _ _

4.2. Referenza KE: .....

4.3. Isem il-korp tal-ħruġ: .....

4.4. Numru tar-reġistrazzjoni tal-kumpanija: .....

Indirizz tal-organizzazzjoni

4.5. Triq u numru: .....

4.6. Belt: .....

4.7. Kodiċi tal-pajjiż: ..... 4.8. Kodiċi postali: .....

5. **Referenza għar-Reġistru Ewropew ta' Tipi ta' Vetturi Awtorizzati:**

5a. **Serje**

(1) Din il-formola tista' tiġi prodotta anki elettronikament.
(2) Il-kaxxa ta' quddiem kull punt modifikat trid tiġi mmarkata wkoll.
(3) Mhux applikabbli għall-ewwel reġistrazzjoni.
(4) Mhux applikabbli għall-ewwel reġistrazzjoni.

▼M1

6. **Restrizzjonijiet**

6.1. Restrizzjonijiet (kodiċi): _ _ _, _ _ _, _ _ _, _ _ _, _ _ _, _ _ _, _ _ _, _ _ _, _ _ _, _ _ _, _ _ _

..... _ _ _, _ _ _, _ _ _, _ _ _, _ _ _, _ _ _, _ _ _, _ _ _

6.2. Restrizzjonijiet (test): .....

INFORMAZZJONI DWAR L-ENTITAJIET RESPONSABBLI GĦALL-VETTURA

7. **Sid**

7.1. Isem l-organizzazzjoni: .....

7.2. Numru tar-reġistrazzjoni tal-kumpanija: .....

Indirizz tal-organizzazzjoni

7.3. Triq u numru: .....

7.4. Belt: .....

7.5. Kodiċi tal-pajjiż: ..... 7.6. Kodiċi postali: .....

8. **Kustodju**

8.1. Isem l-organizzazzjoni: .....

8.2. Numru tar-reġistrazzjoni tal-kumpanija: .....

Indirizz tal-organizzazzjoni

8.3. Triq u numru: .....

8.4. Belt: .....

8.5. Kodiċi tal-pajjiż: ..... 8.6. Kodiċi postali: .....

8.7. Marka tal-Kustodju tal-Vettura (VKM): .....

INFORMAZZJONI OPERATTIVA

9. **Entità responsabbli għall-manutenzjoni**

9.1. Isem l-organizzazzjoni: .....

9.2. Numru tar-reġistrazzjoni tal-kumpanija .....

Indirizz tal-organizzazzjoni

9.3. Triq u numru: .....

9.4. Belt: .....

9.5. Kodiċi tal-pajjiż: ..... 9.6. Kodiċi postali: .....

9.7. Indirizz tal-posta elettronika (e-mail): .....

10. **Irtirar**

10.1. Mezz (kodiċi): _ _ _

10.2. Data: _ _ _ _ _ _ _ _

11. **Stati Membri fejn il-vettura diġà hija awtorizzata**

.....

▼M1

Identifikazzjoni tal-entità li qed tapplika għar-reġistrazzjoni: .....

Data: _ _ _ _ _ _ _ _

Isem u firma tal-uffiċjal responsabbli: .....

REFERENZI TAL-AWTORITÀ TAS-SIKUREZZA

1.1. **Numru Ewropew tal-Vettura Allokat** (1) _ _ _ _ _ _ _ _ _ _ _ _ - _

12. **Numru tal-awtorizzazzjoni** _ _ _ _ _ _ _ _ _ _ _ _ _ _ _ _

13. **Tqegħid fis-servizz**

13.1. Data tal-awtorizzazzjoni: _ _ _ _ _ _ _ _

13.2. Awtorizzazzjoni valida sa: _ _ _ _ _ _ _ _

Data meta ġiet riċevuta l-applikazzjoni: _ _ _ _ _ _ _ _

Data tal-irtirar: _ _ _ _ _ _ _ _

(1) Tista' tinħemeż lista għal diversi vetturi tal-istess serje jew ordni.

▼**M1**

Appendiċi 5

GLOSSARJU

Abbrevjazzjoni	Definizzjoni
CCS	Sistema tal-Kmand tal-Kontroll
CIS	Komunità ta' Stati Indipendenti
COTIF	Konvenzjoni dwar it-Trasport Internazzjonali bil-Ferrovija
CR	(Sistema) Ferrovjarja Konvenzjonali
DB	Bażi tad-dejta
KE	Il-Kummissjoni Ewropea
EC VVR	Reġistru Ċentralizzat Ewropew Virtwali tal-Vetturi
EIN	Numru Ewropew ta' Identifikazzjoni
EN	Standard Ewropew (Euro Norm)
EVN	Numru Ewropew tal-Vettura
ERA	Aġenzija Ferrovjarja Ewropea, imsejħa wkoll "l-Aġenzija"
ERATV	Reġistru Ewropew ta' Tipi ta' Vetturi Awtorizzati
ERTMS	Sistema Ewropea għall-Ġestjoni tat-Traffiku Ferrovjarju
EU	L-Unjoni Ewropea
HS	(Sistema ta') Veloċità Għolja
IB	Korp Investigattiv
ISO	Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Istandardizzazzjoni
IM	Amministratur tal-Infrastruttura
INF	Infrastruttura
IT	Teknoloġija tal-Informatika
LR	Reġistru Lokali
NoBo	Korp Notifikat
NSA	Awtorità Nazzjonali tas-Sikurezza
NVR	Reġistru Nazzjonali tal-Vetturi
OPE (TSI)	Operat u Ġestjoni tat-Traffiku (TSI)
OTIF	Organizzazzjoni Intergovernattiva għall-Ġarr Internazzjonali bil-Ferrovija
RE	Entità ta' Reġistrazzjoni, jiġifieri l-korp responsabbli għaż-żamma u għall-aġġornament tal-NVR
RB	Korp Regolatorju
RIC	Regolamenti li jkopru l-użu reċiproku tal-vaguni u tal-vannijiet-brejk fit-traffiku internazzjonali
RIV	Regolamenti li jkopru l-użu reċiproku tal-vaguni fit-traffiku internazzjonali

▼M1

Abbrevjazzjoni	Definizzjoni
RS jew RST	Vetturi ferrovjarji
RSRD (TAF)	Bażi tad-dejta ta' Referenza għall-Vetturi Ferrovjarji (TAF)
RU	Impriża Ferrovjarja
SEDP (TAF)	Pjan Ewropew għall-Mobilitazzjoni Strateġika (TAF)
TAF (TSI)	Applikazzjoni Telematika għall-Merkanzija (TSI)
TSI	Speċifikazzjoni Teknika għall-Interoperabilità.
VKM	Marka tal-Kustodju ta' Vettura
VKMR	Reġistru tal-Marki tal-Kustodji tal-Vetturi
VVR	Reġistru Virtwali tal-Vetturi
WAG (TSI)	Vagun (TSI)
WIMO (TAF)	Bażi tad-dejta ta' Vaguni u Operazzjonijiet Intermodali (TAF)